**STQARRIJA GĦALL-MEDIA:**

**L-NCPE b'mandat estiż**

Il-promozzjoni tal-ugwaljanza abbażi ta' orjentazzjoni sesswali, età, reliġjon jew twemmin, razza jew oriġini etnika, u *gender identity* fl-impjiegi, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-edukazzjoni issa hi qasam li se jkun indirizzat mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE). Il-mandat tal-NCPE ġie estiż wara li saru emendi f'*Kapitlu 456 L-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa* li kienu approvati mill-Parlament dan l-aħħar.

Persuni li jkunu diskriminati abbażi ta' orjentazzjoni sesswali, età, reliġjon jew twemmin, razza jew oriġini etnika, u *gender identity* fl-impjiegi, istituzzjonijiet finanzjarji u l-edukazzjoni issa jistgħu jfittxu assistenza mill-NCPE u jressqu ilment quddiem il-Kummissjoni għal aktar investigazzjoni.

Qabel l-approvazzjoni tal-emendi f'*Kapitlu 456 L-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa*, il-mandat tal-NCPE kien ikopri l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi ta' sess u responsabbilitajiet tal-familja fl-impjiegi, u d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess u razza jew oriġini etnika fil-provvista ta' u l-aċċess għal oġġetti u servizzi.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) taħdem favur soċjetà ugwali ħielsa mid-diskriminazzjoni filwaqt li tisħaq fuq l-inklussività fejn kull persuna tista' tikseb il-potenzjal sħiħ tagħha.

Għal aktar tagħrif, agħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2590 3850 jew equality@gov.mt

**It-Tnejn 16 ta' Lulju, 2012**